MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2004

Numru 591/1999

Il- Pulizija
(Spettur Paul Camilleri)

VS

Roderick Baldacchino

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Roderick Baldacchino ta' 26 sena bin Herbert John u Grace nee' Zammit, imwieled Attard fis- 16 ta' Settembru 1978 u joqghod 88, Triq l- Ifran, Valletta. I. D. Card No: 510978(M).

Talli matul il- lejl ta’ bejn it- 12 u it- 13 ta’ Marzu 1999 fil- Belt Valletta, ikkommetta serq ta’ Lm 400 (erba’ mitt Lira Maltin) mill- ‘War Time Expierience’ sitwat gewwa triq l- Arcisqof, il- Belt Valletta, ghad- dannu tad- diretturi tal- ‘War Time Expierience’, liema serq huwa aggravat bill- mezz, hin, persuna u ammont u dan bi ksur tal- artikoli 261 (b), (c), (d), (f); 263 (a); 267; 268 (d) u 270 tal- Kap 9 tal- ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl- istess data, hin lok u cirkustanzi, xjentament xtara jew laqa’ ghandu erba’ mitt Lira Maltin, mehuda b’ qerq jew akkwistati b’ reat sew jekk dan isir f’ Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b’ kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jiew imexxihom u dan bi ksur tal- artikolu 334 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamel hsara fil- propjeta tal- fond imsemmi, liema hsara hija ta’ aktar minn Lm 50 (Hamsin lira Maltija) izda mhux aktar minn Lm 500 (Hames mitt Lira Maltija) ghad- dannu tal- istess diretturi u dan bi ksur tal- artikolu 325 (b) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Rat in- Nota tal- Avukat Generali fejn semma l- artikoli li taghhom tista’ tinsab htija.

Ra li l- akkuzat ma oggezjonax li l- kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja minn din il- Qorti.

Semghet ix- xhieda bil- Gurament.

Rat l- atti u d- dokumenti kollha.

Rat li l- akkuzat kien irregistra ammissjoni u wara tenna meta l- Qorti kienet fissritlu xi tfisser ammissjoni: ammisjoni ta’ serq, ammissjoni ta’ hsara volontarja. Hallas lid- derubat (fol 98).

Issibu hati.

Rat l- art 261, 263, 267, 268 (d), 270, 325(c) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Issibu hati tar- reati taht dawn l- artikoli, imma mhux hati tar- reat imsemmi fl- art. 334.

Rat ukoll l- art 22 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta’ Malta. Stante il- ‘kondotta’ nadifa ta’ l- akkuzat bit- tama li ma jergax jizbalja u stante li hallas lid- derubat, tilliberah taht il- provedimenti tal- art 22 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta’ Malta b’ dan li ma jghamilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin minn- llum. Il- Qorti qed tfisser lill- hati bi kliem car l- import ta’ din is- sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------